

Brussell, 5 ta' Frar 2025
(OR. en)

5907/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0010(NLE)

AELE 8
FL 5
ISL 5
N 6
MI 66
ESPACE 9

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 24 final
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Govsatcom u Konnettività Sigura)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 24 final.

Mehmuż: COM(2025) 24 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2025
COM(2025) 24 final

ANNEX

ANNESS

ta'

**Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-
kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

(Govsatcom u Konnettività Sigura)

ANNEX

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu l-kooperazzjoni formali eżistenti fil-Programm Spazjali tal-Unjoni. Huma jixtiequ jibnu fuq din is-sħubija b'saħħitha u jestendu l-kooperazzjoni għall-komponent ta' GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Programm għal Konnettività Sigura stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (2) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni miftiehma mill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 319/2021 tad-29 ta' Ottubru 2021 għall-komponent tal-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM, Governmental Satellite Communication) tal-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (3) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027¹.
- (4) Il-kundizzjonijiet għall-parteciċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA u l-istituzzjonijiet, l-impriżi, l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini tagħhom fil-programmi tal-Unjoni Ewropea huma stabbiliti fil-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari fl-Artikolu 81 tiegħu.
- (5) Jenħtieġ li jitqiesu l-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-EFTA, rispettivament, dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.
- (6) Prinċipji ta' kooperazzjoni addizzjonali jistgħu, jekk ikun meħtiegħ, jiġu mifthiema bejn il-Partijiet Kontraenti biex jirregolaw żoni speċifiċi li mhumx koperti minn din id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1.

- (7) Il-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-komponent ta' GOVSATCOM u fil-Programm għal Konnettività Sigura abbażi tal-Ftehim ŻEE hija ta' interess reċiproku għall-Partijiet Kontraenti.
- (8) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Iżlanda u tan-Norveġja fil-kumitati tal-programmi, fil-gruppi ta' ħidma u f'attivitajiet oħra li jirriżultaw mill-komponent ta' GOVSATCOM u mill-Programm għal Konnettività Sigura jibdew mill-1 ta' Settembru 2024, irrispettivament minn meta tiġi adottata din id-Deċiżjoni, jew jekk l-issodisfar tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, jiġix innotifikat wara l-10 ta' Lulju 2025.
- (9) Abbażi tal-fatt li l-Iżlanda u n-Norveġja jsiru utenti tal-kapaċitajiet u tas-servizzi tal-komponent ta' GOVSATCOM, l-Iżlanda u n-Norveġja se jikkontribwixxu finanzjarjament għall-impenji tal-UE bbaġitjati għall-komponent ta' GOVSATCOM għas-snin finanzjarji mill-2021 sal-2024.
- (10) Abbażi tal-fatt li l-Iżlanda u n-Norveġja jsiru utenti tal-kapaċitajiet u tas-servizzi tal-Programm għal Konnettività Sigura, l-Iżlanda u n-Norveġja se jikkontribwixxu finanzjarjament għall-impenji tal-UE bbaġitjati għall-Programm għal Konnettività Sigura għas-snin finanzjarji 2023 u 2024.
- (11) Il-kontribuzzjonijiet huma ddeterminati f'dan il-waqt abbażi ta' investimenti sinifikanti mwettqa fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-programm. Dawn l-investimenti jikkonċernaw il-ħolqien ta' infrastruttura li se tintuża mill-parteċipanti kollha tas-sistema, inklużi l-Iżlanda u n-Norveġja.
- (12) Għalhekk jenħtieġ li l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat biex tkun tista' sseħħ din il-kooperazzjoni estiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 8e għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (a) fil-punt (a), il-kliem "il-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM) u" għandhom jitħassru;
 - (b) il-punti (b) sa (o) għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-punt (c) sa (p);
 - (c) il-punt li ġej għandu jiżdied wara punt (a):

“(b) Stat tal-EFTA jista' jsir parteċipant fil-komponent tal-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM) soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/696.”;
 - (d) it-test tal-punt (c) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu b’mod finanzjarju għall-attivitajiet imsemmija taħt (a) f’konformità mal-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim.

L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu b’mod finanzjarju għall-attivitajiet imsemmija taħt (b) f’konformità mal-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim, wara l-konklużjoni tal-ftehim imsemmija taħt il-punt (b).

Barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu 82(1)(c) u (2) tal-Ftehim ŻEE u kif miftiehem f’konformità mal-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE, l-Iżlanda għandha, wara l-konklużjoni ta’ ftehim imsemmi taħt (b), tikkontribwixxi l-ammont ta’ EUR 98.000 (tmienja u disgħin elf) għas-snin finanzjarji 2021 sa 2024 għall-komponent ta’ GOVSATCOM. Dan l-ammont għandu jieħu l-forma ta’ tliet pagamenti ndaqs, li għandhom jiġu inklużi rispettivament fis-sejħa għall-fondi għas-snin finanzjarji 2025, 2026 u 2027, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Protokoll 32.

Barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu 82(1)(c) u (2) tal-Ftehim ŻEE u kif miftiehem f’konformità mal-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE, in-Norveġja għandha, wara l-konklużjoni ta’ ftehim imsemmi taħt (b), tikkontribwixxi l-ammont ta’ EUR 1.896.000 (miljun tmien mija u sitta u disgħin elf) għas-snin finanzjarji 2021 sa 2024 għall-komponent ta’ GOVSATCOM. Dan l-ammont għandu jieħu l-forma ta’ tliet pagamenti ndaqs, li għandhom jiġu inklużi rispettivament fis-sejħa għall-fondi għas-snin finanzjarji 2025, 2026 u 2027, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Protokoll 32.”;

(e) fil-punt (d), il-kelma “(b)” għandha tiġi sostitwita bil-kelma “(c)”;

(f) it-test tal-punt (o) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan il-paragrafu għandu jiġi sospiż sakemm jiġi deċiż mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.”

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 8e:

“8f. (a) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-att tal-Unjoni li ġej:

- **32023 R 0588:** Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1).

(b) Stat tal-EFTA jista’ jsir parteċipant fil-l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura soġġett għall-konklużjoni ta’ ftehim speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2023/588.

(c) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu b’mod finanzjarju għall-attivitajiet imsemmija taħt (a) f’konformità mal-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim, wara l-konklużjoni tal-ftehim imsemmi taħt il-punt (b).

Barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu 82(1)(c) u (2) tal-Ftehim ŻEE u kif miftiehem f’konformità mal-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE, l-Iżlanda għandha, wara l-konklużjoni ta’ ftehim imsemmi taħt (b), tikkontribwixxi l-ammont ta’ EUR 510.700 (ħames

mija u għaxart elef u seba' mija) għas-snin finanzjarji 2023 u 2024. Dan l-ammont għandu jieħu l-forma ta' tliet pagamenti ndaqs, li għandhom jiġu inklużi rispettivament fis-sejħa għall-fondi għas-snin finanzjarji 2025, 2026 u 2027, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Protokoll 32.

Barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu 82(1)(c) u (2) tal-Ftehim ŻEE u kif miftiehem f'konformità mal-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 32 tal-Ftehim ŻEE, in-Norveġja għandha, wara l-konklużjoni ta' ftehim imsemmi taħt (b), tikkontribwixxi l-ammont ta' EUR 10.124.000 (għaxar miljuni mija u erbgħa u għoxrin elf) għas-snin finanzjarji 2023 u 2024. Dan l-ammont għandu jieħu l-forma ta' tliet pagamenti ndaqs, li għandhom jiġu inklużi rispettivament fis-sejħa għall-fondi għas-snin finanzjarji 2025, 2026 u 2027, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Protokoll 32.

- (d) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan il-paragrafu għandu jiġi sospiż sakemm jiġi deċiż mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.”

Artikolu 2

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

*

[Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]